## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 615/2024 MS*
*wara l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 517/2023 fl-ismijiet*

**Alexandra Caligari**

**Vs.**

**Nicholas Caligari**

Illum, 28 ta' Ġunju, 2024

Kawża Numru: 23

1. Dan huwa dikriet finali fuq talba mressqa minn Nicholas Caligari (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent") b'rikors tal-31 ta' Mejju 2024 imressaq taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li bih qed jitlob it-tħassir u r-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 517/2023.

2. Alexandra Caligari (minn issa 'l quddiem "l-intimata") wieġbet fis-26 ta' Ġunju 2024 billi opponiet għat-talba u tat ir-raġunijiet għaliex din għandha tiġi miċħuda.

3. Inżamm smigħ fis-27 ta' Ġunju 2024 fejn id-difensuri tal-kontendenti għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom, u r-rikors tħalla għall-udjenza tal-lum sabiex jiġi deċiż fiż-żmien impost mil-liġi.

4. B'dikriet tal-5 ta' Ġunju 2024, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' sekwestru mpunjat mir-rikorrenti. Minn eżami ta' dak l-att u ta' atti oħrajn eżebiti, jirriżultaw il-fatti segwenti li huma pertinenti għat-talba u għall-kawżali dedotti mir-rikorrent:

   i. fid-29 ta' Marzu 2023, l-intimata preżentat rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra r-rikorrent għas-somma ta' €307,983.28. Ġie spjegat li din is-somma hija dovuta «*skont kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat bejn il-partijiet fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), awtorizzat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat disa' u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u reż eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali numru 119/2023 annessa u mmarkata Dokument A. il-kreditu dobut jirrappreżenta in kwantu għal mitejn u ħamsa u sebgħin elf Ewro (€275,000) bilanċ dovuti mill-intimat skont l-klawżola numru tmienja (8) tal-kuntratt ta' separazzjoni, in kwantu għas-somma ta' tlett elef sitt mija u ħamsin Ewro (€3,650) penali dovuti mill-intimat mill-ħmistax (15) ta' Jannar 2023 sat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena 2023 skont l-klawżola numru disgħa (9) tal-kuntratt ta' separazzjoni u in kwantu għal erbatax-il elf sitt mija u sitta u sittin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€14,666.64) imgħax dovut mill-intimat mensilment skont l-klawsola 7 tal-imsemmi kuntratt għax-xhur ta' Awwissu 2022 sa Marzu 2023*»;
   ii. meta jingħaddu l-ammonti singoli msemmija fir-rikors tal-intimata, iġibu €293,316.64, u mhux l-ammont globali ndikat minnha;
   iii. b'dikriet mogħti fit-3 t'April 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriservat li tipprovdi wara li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa;
   iv. fl-10 ta' Mejju 2023, jidher mit-timbri li ġie preżentat rikors ieħor quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra r-rikorrenti, bin-numru 517/2023, għall-ammont ta' €293,316.64;
   v. it-timbri fuq dan l-att juru li dan ġie preżentat fl-10 ta' Mejju 2023, iżda timbru ieħor magħmul ukoll mir-Reġistratur juri li dan l-att sar in

sostituzzjoni ta' att ieħor, li kien preċedentement preżentat fid-29 ta' Marzu 2023. Fil-fatt, il-ħlas tal-att preżentat fl-10 ta' Mejju 2023 huwa kopert bil-ħlas magħmul dakinhar tad-29 ta' Marzu 2023;

vi. fit-18 ta' Mejju 2023, ingħata dikriet li jgħid:

*Il-Qorti,*
*Rat l-att sostitwit li nġab għall-attenzjoni,*
*Tilqa' t-talba*

vii. jidher ukoll li fl-4 t'April 2023, ġie preżentat rikors ieħor mill-intimata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv, li ngħata n-numru 568/2023. Dan ir-rikors huwa identiku għal dak preżentat fid-29 ta' Marzu 2023, ħlief għall-ammont kumplessiv tal-kreditu, li din id-darba ġie ndikat li jammonta għal €293,316.64;

viii. fl-10 t'April 2023, ingħata dikriet li jgħid:

*Il-Qorti,*
*Rat ir-rikors ta' Alexandra Caligari tal-4 t'April 2023 li bih talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv;*
*Rat il-kopja tal-ittra uffiċċjali tal-11 ta' Jannar 2023 tal-istess rikorrenti;*
*Rat ir-raġuni mressqa mir-rikorrenti fir-rikors tagħha;*
*Stante illi fl-ittra uffiċċjali r-rikorrenti talbet lill-intimat sekwestrat sabiex jivvaka l-proprjetà hemm indikata wara li għażlet dik l-opzjoni fil-klawsola 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni u b'hekk għażlet li tieħu l-proprjetà minflok l-ammont ta' flus dovuti, r-raġuni eżekuttiva mniżżla fir-rikors mhix waħda valida;*
*Għalhekk tiċħad it-talba.*

ix. fil-31 ta' Mejju 2024, ir-rikorrent ressaq dan ir-rikors.

5. Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent jilmenta li la darba t-talba tal-intimata għall-ħruġ ta' att eżekuttiv kontrih kienet ġiet miċħuda b'dikriet tal-10 t'April 2023, hija ma setgħetx tipproċedi bit-talba tagħha għall-ħruġ ta' att eżekuttiv ieħor għall-istess raġuni li dwarha kienet miċħuda t-talba preċedenti tagħha.

6. Ġie deċiż meta talba għall-ħruġ ta’ att eżekuttiv tiġi miċħuda, dik it-talba ma tistax tiġi riproposta mill-ġdid quddiem l-istess Qorti. Ir-rimedju tal-parti li tkun issubiet ir-riġett tat-talba tagħha huwa li timpunja d-dikriet li bih ġiet miċħuda dik it-talba. Ġie wkoll miżmum li mhux korrett li dik il-parti, minflok timpunja d-dikriet ta’ ċaħda, tressaq talba oħra mingħajr imqar tindika fit-tieni rikors tagħha l-eżistenza u ċ-ċirkostanzi tat-talba preċedenti (ara f’dan is-sens ***Michael Tober vs. LeoVegas Gaming plc***, Appell Superjuri, 17/1/2024; ***Ibrahim Sistek vs. TSG Interactive Gaming Europe Limited***, Appell Superjuri, 17/1/2024, fost oħrajn).

7. Għalkemm huwa minnu li dikriet li jiċħad jew jilqa’ talba għall-ħruġ ta’ att eżekuttiv m’huwiex sentenza, jibqa’ l-fatt illi jeżistu mezzi legali kif dak id-dikriet jista’ jiġi mpunjat. Hija ġurisprudenza kostanti li l-liġi tagħna tirrikonoxxi tlett tipi ta’ provvedimenti, u dawn huma dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. «*Tradizjonalment jingħad li hemm tlett xorta ta' digrieti, ċioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk (it-tielet kategorija) li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u li filwaqt li għall-ewwel u għat-tieni kategorija hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għat-tielet kategorija ma hemmx dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell*» (***Josef Gatt vs. Marisa Gatt***, Appell, 8/5/2003). Ara wkoll fl-istess sens ***Paul Tanti pro et noe et vs. Sammy Mifsud et noe*** (Appell, 19/11/2001).

8. Id-dikrieti definittivi huma dawk li permezz tagħhom tiġi determinata u mitmuma kontroversja bejn il-partijiet, bħal ma huma s-sentenzi (***Josef Gatt vs. Marisa Gatt***, appena ċitata). Id-dikriet interlokutorju min-naħa l-oħra huwa dak li permezz tiegħu tiġi deċiża xi kwistjoni li tirregola l-andament tal-kawża waqt li din tkun għadha miexja (***Philip O. Gatt proprio et nomine vs. Adrian Busietta proprio et nomine***, Prim’Awla, 9/5/2002). Fid-deċiżjoni ***Giovanni Borg Olivier nomine vs. Emilia Fava*** (Appell Superjuri, 29/7/1918)[1] ġie sewwa spjegat: «*Che sotto la denominazione di “Decreti interlocutori” si sogliono in giurisprudenza designare le ordinanze della Corte preparatiorie ed ordinatorie della lite, ossia i provvedimenti riguardanti l’istruzione della causa e la procedura, che sogliono chiamarsi “preparatorie” e quelli che*

[1] Kollezz. Vol.XXIII.i.623.

*regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che chiamansi "ordinatorie"*». Id-distinzjoni bejn dikrieti definittivi u dikrieti interlokutorji ġiet spjegata wkoll fis-sens li, «*Hemm differenza bejn sentenza definittiva u digriet interlokutorju. Is-sentenza definittiva hija pronunċjament tal-Qorti li "terminat negotium de quo agitur", waqt illi d-digriet interlokutorju "non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam"*» (***Tabib Joseph Grech vs. Mary Grech***, Prim'Awla, 20/4/1989[2]). Il-liġi trid li dan ix-xorta ta' dikriet ma jagħmilx ġudikat għall-Qorti li tkun tagħtu, bil-konsegwenza li jista' jiġi revokat *contrario imperio* fi kwalunkwe stadju (viz. artikolu 230 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Dan il-prinċipju madanakollu japplika biss fir-rigward tad-dikrieti interlokutorji, b'mod allura li kull xorta ta' dikriet ieħor jorbot lill-Qorti li tkun tagħtu, u jista' biss jiġi mpunjat bil-mezz ta' l-appell jew permezz ta' kawża (***Linknet Limited et vs. Terranet Limited***, Prim'Awla, 5/3/2001).

9. L-aħħar xorta ta' dikrieti huma dawk li la huma definittivi u lanqas huma interlokutorji. Eżempju ta' dan id-dikriet huwa d-dikriet li permezz tiegħu il-Qorti tiċħad talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju. Id-distinzjoni proċedurali prinċipali ta' dan it-tielet tip ta' digriet huwa proprju li minnu ma jistax isir appell, u jista' biss jiġi kontestat permezz ta' kawża istitwita skont il-proċedura ordinarja (***Francis Grima proprio et nomine vs. L-Onorevoli Prim Ministru et nomine***, Qorti Kostituzzjonali, 21/6/1988). Fost id-dikrieti li jaqgħu f'din it-tielet kategorija hemm ukoll dawk li jingħataw b'rabta ma' atti eżekuttivi, jew proċeduri ta' bejgħ b'irkant. Hemm ġurisprudenza attendibbli fis-sens illi dikrieti mogħtijin fl-atti ta' proċeduri ta' subbasta ma huma qatt appellabbli (***Dottor Giovanni Sammut vs. Giuseppe Mifsud***, Prim'Awla, 25/5/1962). Fi żminijiet aktar riċenti il-Qorti tal-Appell kellha l-okkażjoni li teżamina in-natura ta' dikriet mogħti b'rabta ma' proċeduri ta' bejgħ bl-irkant ġudizzjarju fil-kawża ***Karen Mangion vs. David Anastasi*** (9/11/2012). F'dik il-kawża kien sar rikors fl-atti ta' bejgħ bl-irkant li permezz tiegħu intalab provvediment dwar kif kellha ssir tpaċija bejn il-kontendenti in segwitu għal liberazzjoni ta' proprjeta' komuni tagħhom u d-depożitu tal-prezz ta' liberazzjoni. Sar appell minn dan il-provvediment, u l-Qorti tal-Appell iddikjarat l-istess appell bħala irritu u null għaliex id-dikriet hemmhekk mogħti ma kienx wieħed

[2] Kollezz. Vol.LXXIII.iii.785.

interlokutorju u lanqas definittiv, u għalhekk setgħa jiġi mpunjat biss permezz ta' kawża.

10. Dan kollu qed jingħad sabiex jintwera li d-deċiżjonijiet aktar riċenti li jittrattaw dwar l-invalidità ta' att eżekuttiv miksub wara talba għaċ-ċaħda ta' att simili, jekk mhux identiku, m'hijiex xi żvilupp ġdid fil-ġurisprudenza tagħna, imma riflessjoni ta' ġurisprudenza assodata u kopjuża, li żżomm li dikrieti dwar atti eżekuttivi, għalkemm m'humiex sentenzi, lanqas ma huma interlokutorji u għalhekk jorbtu mhux biss lill-Qorti li tkun tathom, iżda *a fortiori* lill-parti li fuq istanza tagħha jkun ingħata. U dik il-parti ma tistax tiżvinkola ruħha minn dik ir-rabta sempliċiment billi tressaq talba oħra quddiem Qorti li tkun diversament presjeduta.

11. Issa fil-każ odjern il-fattispeċi jippreżentaw differenzi minn dawk trattati fid-deċiżjonijiet imsemmija aktar kmieni. Id-differenza prinċipali hi li l-mandat li nħareġ kontra r-rikorrenti jidher li kien l-ewwel wieħed preżentat (imbagħad sostitwit), li però ġie dekretat wara r-rikors li ġie preżentat fl-4 t'April 2023.

12. L-intimata ssostni li hija ma tafx kif ġie preżentat ir-rikors tal-4 t'April 2023, billi l-atti li ġew preżentati minnha ġew preżentati fid-29 ta' Marzu 2023. Naturalment lanqas il-Qorti ma tista' tispjegah dan, ħlief billi tirreferi għall-att innifsu li jindika li l-preżentata saret minn prokuratur legali. Fin-nuqqas ta' prova mod'ieħor, il-Qorti sejra toqgħod fuq dak li jirriżulta mill-att in kwistjoni, anki għaliex skont l-artikolu 627 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-atti ġudizzjarji huma prova tagħhom innfishom.

13. Għalhekk il-Qorti qed tifhem li r-rikors tal-4 t'April 2023 ġie preżentat mill-intimata, u d-dikriet li ngħata fuq dak ir-rikors jorbotha, salv id-dritt tagħha li tikkontestah kif tipprovdi l-liġi.

14. La darba fil-waqt li ngħata d-dikriet li bih ġiet milqugħa t-talba għall-ħruġ tal-mandat impunjat f'din il-proċedura kien hemm dikriet li jiċħad talba għall-ħruġ tal-istess mandat, isegwi li l-mandat maħruġ huwa invalidu, għaliex ma setax jinħareġ sakemm jibqa' validu u veljanti d-dikriet tal-10 t'April 2023. Dan irrispettivament mill-fatt li r-rikors li ġie akkordat kien preżentat qabel ir-rikors li ġie miċħud. Fuq kollox, dak ir-rikors ma kienx jiġi dekretat kieku l-intimata ma ġabitx att ieħor in sostituzzjoni tiegħu,

u jirriżulta li s-sostituzzjoni tal-att saret fl-10 ta' Mejju 2023, u kwindi xahar wara d-dikriet ta' ċaħda. Kien dmir tal-intimata, minn tal-inqas, li tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti għad-dikriet tal-10 t'April 2023.

15. Għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda għalhekk tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif magħmula fir-rikors tiegħu tal-31 ta' Mejju 2024, u b'hekk tħassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 517/2023 fl-ismijiet "Alexandra Caligari vs. Nicholas Caligari", u tordna l-ħruġ tal-kontromandati opportuni, bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur